# Il-prattika fil-klassi:

# Attivitajiet biex jissaħħu l-ħiliet tat-taħdit fil-klassi

**Leonard Grech**

# Il-prattika fil-klassi:

# Attivitajiet biex jissaħħu l-ħiliet tat-taħdit fil-klassi

**Leonard Grech**

**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

2010

**Grazzi minn qalbi lil Lawrence Deguara, għalliem tal-Malti.**

## Introduzzjoni

Ir-riforma edukattiva taħseb biex issaħħaħ fl-istudenti l-ħiliet fil-qasam tat-taħdit. Dawn il-ħiliet jidħlu fis-suġġetti kollha għax f'kull suġġett jeħtieġ li l-istudenti tagħna jkunu kapaċi jitkellmu, jesprimu ruħhom, jisimgħu, jiddiskutu, jiddjalogaw, jifhmu lil xulxin, jistennew il-ħin tagħhom biex jitkellmu, jinterpretaw, ipoġġu lilhom infushom fiż-żarbun ta' ħaddieħor, u jifhmu s-sens kollu - jiġifieri dak li hu ovvju u dak li mhux. Naturalment dawn il-ħiliet jgħoddu wkoll għal waqt il-lezzjonijiet tal-Malti u tal-Ingliż.

Dawn li ġejjin huma attivitajiet, eżerċizzji, jew logħob li nistgħu nagħmlu fil-klassi (kemm fil-Primarja kif ukoll fis-Sekondarja) biex insaħħu fit-tfal il-ħiliet imsemmija. Wieħed għandu jagħżel dawk li jgħoddu l-aktar għat-tfal li jgħallem.

## 1 Min jien

Tfal jaħdmu flimkien tnejn tnejn. Huma jgħidu lil xulxin xi affarijiet fuqhom infushom imma mhux jillimitaw ruħhom għal isimhom, fejn joqogħdu jew f'liema skola jmorru. Iridu jikkonċentraw fuq ħwejjeġ oħra bħal, ngħidu aħna, xi jbeżżagħhom, x'jixtiequ jsiru meta jikbru, x'jogħġobhom l-aktar fil-ħajja, liema huma l-akbar tliet xewqat li għandhom, x'jieħdu mid-dar kieku allaħares qatt tibda taqbad, u x'jixtiequ jkollhom kieku jsibu ruħhom fuq gżira weħidhom. Iddedika madwar għaxar minuti għal din il-parti tal-attività. Fit-tieni parti l-istudenti jridu jgħidu lil sħabhom kollha tal-klassi x'qalilhom seħibhom.

## 2 Fejn noqgħod

Għal din it-tfal jeħtieġ jippreparaw ruħhom minn qabel, forsi jistaqsu lill-ġenituri jew lil min jieħu ħsiebhom. Kull student/a jgħid lill-klassi kollha x'jisimha t-triq li joqgħod fiha u xi jfisser l-isem jekk hemm xi tifsira. Jitkellem ukoll dwar x'jisimha d-dar u għalfejn semmewha hekk. Dak li jkun jista' jiddeskrivi wkoll id-dar (eżempju: flett/appartament, terran, *maisonette*, *semi-detached*, razzett renovat, jew *town house*).

## 3 Katina

Din tintlagħab mat-tfal kollha flimkien fil-klassi. L-għalliema tgħid kelma, eżempju 'abjad'. It-tifel/tifla li jmiss irid jgħid x'jiġih f'moħħu meta jisma' l-kelma 'abjad'. Nibqgħu sejrin hekk. Eżempju: abjad, għarusa, tieġ, ikel, xorb, ilma, baħar, sajf, xemx, sħana, u kliem ieħor.

## 4 Noħolqu storja

Poġġi t-tfal fi gruppi ta' ħamsa. Kull tifel/tifla jkollu numru minn wieħed sa ħamsa. L-għalliema tikteb sentenza fuq il-*white board* bħala l-bidu ta' storja. Minn issa 'l quddiem it-tfal ikomplu fi gruppi. Numru wieħed jgħid sentenza biex ikompli l-istorja li tkun bdiet l-għalliema. Numru tnejn, tlieta u erbgħa jkomplu l-istorja huma wkoll. Numru ħamsa jispiċċa l-istorja. Fl-aħħar kull grupp joħroġ jgħid l-istorja tiegħu lill-klassi kollha. L-għalliema tirrepeti l-ewwel sentenza għal kull grupp.

## 5 Nesaġeraw

Ifred lit-tfal fi gruppi ta' ħamsa. Għidilhom sentenza, eżempju:
'Jien rajt raġel li kellu mnieħru daqs bużżieqa kbira.'
Kull membru tal-grupp irid isemmi xi parti tal-ġisem u jesaġera fil-kobor tagħha.

Eżempji:
1. Jien rajt raġel li kellu mnieħru daqs bużżieqa kbira.
2. Kellu għajnu daqs pizza margerita.
3. Widnejh kienu kbar daqs qlugħ ta' dgħajsa.
4. Ma' għonqu kellu ċoff kbir daqs skrun ta' ajruplan.
5. Idejh kienu kbar daqs arblu ta' bandiera.
6. Ilsienu kien twil daqs rutella.

L-għalliema ddur mal-gruppi u tisma' dak li għandhom x'jgħidu t-tfal.

## 6 Niddiskutu stampa

Aqsam it-tfal fi gruppi. Agħti l-istess stampa lil kull grupp. Kull grupp jiddiskuti l-istampa. Fil-bidu għinhom b'mistoqsijiet bħal: (a) X'qed turi l-istampa? (b) X'jogħġbok fl-istampa? (ċ) X'ma jogħġbokx? (d) Xi ħsibijiet iġġiblek? (e) X'mhix tgħidlek l-istampa? (f) Xi tbiddlilha kieku tista'?

Xi wħud mit-tfal jitkellmu fuq l-istampa quddiem il-klassi kollha. Ara li mhux dejjem ikunu l-istess tfal. Illum jew għada kulħadd irid ikollu ċ-ċans. Tfal li jistħu jew li għandhom bżonn aktar għajnuna jistgħu jaħdmu tnejn tnejn meta jindirizzaw lill-klassi kollha.

## 7 Ikxef l-istampa

Waħħal stampa kbira fuq il-*whiteboard*. Ara li l-istampa tkun mgħottija. Ibda ikxifha biċċa biċċa filwaqt li tħajjar lit-tfal jaħsbu fuqha. Huma jridu jaħsbu kif il-biċċa mikxufa tista' tkun indikazzjoni tal-istampa kollha. Flok stampa wieħed jista' juża mudell. Ibda ikxef il-mudell biċċa biċċa u staqsi domandi adattati li jistimulaw lit-tfal biex jaħsbu.

Mistoqsijiet li, jekk hemm bżonn, wieħed jista' jagħmel biex jistimula lit-tfal:

- X'hemm fl-istampa li turina li aktarx ninsabu ġewwa u mhux barra? (tidher biċċa minn tapit)
- (tinkixef biċċa oħra) Issa jidher parti minn ktieb li qiegħed fuq it-tapit. X'jista' jkun hemm iżjed fil-parti tal-istampa li hija mgħottija?
- Issa nkixfet parti oħra mill-ktieb. Xi kwalità ta' ktieb hu?

## 8 Telefonata

Ipprepara żewġ settijiet tat-telefown. Żewġ studenti joħolqu sitwazzjoni u jitkellmu bejniethom fuq it-telefown. Ngħidu aħna, waħda ċċempel lil seħbitha għax għandha problema fuq somma, jew iċċemplilha biex tagħtiha xi aħbar sabiħa jew kerha. L-istudenti l-oħra jisimgħu u jieħdu noti dwar kemm iż-żewġ studenti kienu naturali u ċari f'diskorshom. Wara ssir diskussjoni dwar x'mar tajjeb u x'seta' mar aħjar.

## 9 Diskors

Tifla (jew tifel) tipprepara diskors fuq suġġett li tagħżel. Titkellem fuq is-suġġett quddiem il-klassi mingħajr ma taqra għalkemm jista' jkollha karta bil-punti ewlenin. It-tfal tal-klassi jikkritikaw id-diskors fuq kriterji stabbiliti minn qabel. Dawn il-kriterji jistgħu jkunu: (1) Inżamm il-ħin stabbilit (ngħidu aħna tliet minuti)? (2) Il-vuċi kienet tinstema' tajjeb? (3) L-ideat kienu ċari u ppreżentati wara xulxin

b'mod loġiku? (4) L-informazzjoni li ngħatat fuq is-suġġett kienet biżżejjed? (5) Meta tibda sentenza kienet kapaċi tkompliha jew kien hemm każi fejn tieqaf f'nofsha u tibda oħra. (6) Kif kienet il-*body language*? (7) Kif kien il-komportament? Qagħdet dritta? Kienet tidher kunfidenti?

## 10 Fiż-żarbun ta' ħaddieħor

Oħloq sitwazzjonijiet fejn it-tfal iridu jpoġġu lilhom infushom fiż-żarbun ta' ħaddieħor. Ngħidu aħna tifla ferħana għax xrat kompjuter ġdid u qed titkellem ma' seħbitha fuq dan is-suġġett. Is-sitwazzjonijiet jistgħu jitqalu meta jinvolvu esperjenzi li ma jgħaddux minnhom it-tfal iżda li jistgħu jarawhom iseħħu. Ngħidu aħna mara tidħol f'ħanut biex tixtri rigal għat-tifla tagħha. Mela xi ħadd irid jagħmel rwol tal-mara li għandha tifla u xi ħadd ieħor jagħmel rwol tal-ħanut. Din l-esperjenza tinħadem quddiem it-tfal tal-klassi. Jistgħu jieħdu sehem tnejn jew aktar studenti li jagħmlu rwoli differenti.

## 11 L-aħħar ħoss ta' kelma

Din li ġejja tinvolvi lit-tfal tal-klassi kollha flimkien. Tibda l-għalliema billi tgħid kelma li tkun tispiċċa b'vokali jew b'konsonanti. Eżempju: KELB. L-ewwel tifla trid tgħid kelma li tibda bl-aħħar ittra. Nibqgħu sejrin hekk. Wieħed jista' jagħmilha aktar ħafifa billi jgħid KELB - B. Hekk ikun aktar faċli għall-istudenta li tgħid kelma tibda bl-ittra B. It-tifla li jmiss trid tagħmel l-istess.

## 12 Qabbel l-istampi

Ipprovdi żewġ stampi kbar. It-tfal jiddiskutu x'hemm simili u x'hemm differenti fl-istampi. Dan jgħinhom biex 'il quddiem jiddiskutu x'hemm simili u x'hemm differenti anke f'affarijiet li mhumiex viżwali. Eżempji: X'hemm simili u x'hemm differenti bejn żewġ stejjer, żewġ poeżiji, żewġ pajjiżi, żewġ karattri jew żewġ ideoloġiji. Dejjem ikkunsidra l-età u l-kapaċitajiet tat-tfal.

## 13 Minn stampa għal storja

Ipprovdi stampi li jiffurmaw storja. Tfal jiddiskutu fi gruppi kif l-istampi għandhom jiġu wara xulxin b'mod li jiffurmaw storja. Minn borża bl-ismijiet tat-tfal tella' bix-xorti biex xi ħadd jgħid l-istorja lill-klassi kollha. Flok stampi jista' jkollok sentenzi li jiffurmaw storja. Naturalment dan ikun eżerċizzju itqal.

## 14 Minn kliem għal paragrafi

Ifred lit-tfal fi gruppi. Wieħed mill-gruppi flimkien mal-għalliema jiddeċiedi fuq numru ta' kliem. Eżempju: xitwa, umbrella, skola, pitazzi. It-tfal fil-gruppi jridu jivvintaw paragrafu ċkejken li fih jużaw il-kliem stabbilit. Eżempju: 'Kien jum tax-xitwa u t-tifla riedet tmur l-iskola. Qabdet ix-xita u t-tifla fetħet l-umbrella biex tkun ċerta li ma jixxarbux il-pitazzi.' Ir-regola tista' tkun li wieħed irid juża l-kliem wara xulxin kif stabbiliti jew igerfixhom kif irid. Tella' bix-xorti biex wieħed mill-gruppi joħroġ minn postu u jgħid lill-oħrajn il-paragrafu tiegħu.

## 15 Emozzjonijiet

L-għalliema tagħżel (jew tivvinta hi stess) passaġġ ħafif li fih jidħlu emozzjonijiet bħal 'ferħ', 'dwejjaq', 'tama', 'għira', 'sens ta' tpattija', jew 'imħabba'.
Eżempju: **Anna kienet tinsab weħidha. Ma kinitx taf x'se taqbad tagħmel. Xegħlet it-televixin u bdiet tisma' l-aħbarijiet. Kantant famuż kien ġej Malta. "Xi pjaċir, immur nisimgħu!" Aħbar oħra: Żagħżugħ imut b'*overdose* ta' droga. "Min jaf ommu u missieru!" Anna ma riditx tisma' fuq hekk. Qalbet l-istazzjon.**
Ħalli s-silta quddiem it-tfal. Itlobhom jeżaminawha u jindunaw liema emozzjonijiet jispikkaw. Tkellmu fuq dawn l-emozzjonijiet.
*Follow up* ta' din l-attività: Ifred lit-tfal fi gruppi. Kull grupp jagħżel sitwazzjoni fejn tispikka emozzjoni partikolari.
Eżempju: Mort nixtri fajl u x'ħin ġejt biex inħallas indunajt li ma kellix flus. Ħassejtni **nistħi** u f'sitwazzjoni imbarazzanti.
Din l-attività tgħin ħafna lit-tfal fit-taħriġ ta' *role plays*.

## 16 Noħolqu mistoqsijiet

L-għalliem jifred lit-tfal fi gruppi. Huwa jsemmi kelma, eżempju: ERBGĦA. Kull grupp irid jivvinta mistoqsijiet li t-tweġiba għalihom trid tkun ERBGĦA. L-għalliem jagħti ħin definit, eżempju seba' minuti. Imbagħad kull grupp jgħid lill-klassi kollha l-mistoqsijiet li ħejja. L-udjenza tista' tirrimarka f'każ li l-mistoqsija tkun dubjuża.
Eżempji ta' mistoqsijiet li għandhom it-tweġiba ERBGĦA.

(1) Mejda kemm għandha saqajn? (Wieħed jista' jirrimarka li mhux l-imwejjed kollha għandhom erba' saqajn.)
(2) Kemm hemm staġuni?
(3) X'jiġi wara n-numru tlieta?
(4) Kemm fiha ittri l-kelma KELB?
(5) Kemm fiha sillabi l-kelma NAZZJONALI?
(6) Kemm għandna għajnejn flimkien jien u l-ħabiba?
(7) Jekk nagħlaq sebgħi ż-żgħir kemm jibqagħli swaba' f'id waħda?
(8) Jekk mill-kelma MALTA nneħħi ittra, kemm jibqa' ittri?
(9) Kemm fiha Z il-kelma ORGANIZZAZZJONI?
(10) Kemm fiha naħat xi ħaġa kwadra?

L-idea wara dan l-eżerċizzju hi li l-istudenti jaħsbu, ikunu oriġinali, jesprimu ruħhom, jieħdu gost u jisimgħu leħinhom fil-klassi.

## 17 Kliem ipprojbit

Dan l-eżerċizzju jgħin lit-tfal biex jevitaw li jagħtu tweġibiet qosra ħafna jew ta' kelma waħda. It-tfal jistgħu jieħdu sehem b'mod individwali, f'pari jew fi gruppi.
Staqsi lit-tfal mistoqsija partikolari, eżempju: Inti tħobbha x-xitwa? Fit-tweġiba tagħhom it-tfal ma jistgħux jużaw il-kelmiet 'iva', 'le', 'ma tantx', 'ma nafx', 'ftit', u 'ħafna'. Il-kliem ipprojbit jinbidel skont il-mistoqsija u għandu jinkiteb fuq il-*white board*. Dan jgħin lit-tfal iwieġbu aktar fit-tul. Eżempji:

Mistoqsija: Inti tħobbha x-xitwa?
<u>Tweġiba</u>: Mhix favorita tiegħi għax tkun il-kesħa u x-xita ddejjaqni.
<u>Mistoqsija</u>: Kemm hemm stilel fis-sema?
<u>Tweġiba</u>: Ma nistax ngħid għax is-sema mimlija stilel u żgur li ma nistax ngħoddhom.
<u>Mistoqsija</u>: Il-ħbieb tiegħek kollha minn din l-iskola?
<u>Tweġiba</u>: Għandi ħbieb mill-iskola u oħrajn mill-post fejn noqgħod.

## 18 Direzzjonijiet

L-għalliema tagħti direzzjonijiet lit-tfal tal-klassi. Eżempji ta' direzzjonijiet:

- Kif mill-klassi tmur it-*toilet*.
- Kif mill-klassi tmur il-*media room*.
- Kif mill-klassi tasal sal-bieb ta' barra.
- Kif mill-klassi tmur fl-uffiċċju tal-kap tal-iskola.
- Kif mill-klassi tasal sal-kappella.

L-għalliema tistaqsi f'liema post tasal jekk timxi skont id-direzzjonijiet li tagħti. It-tfal jiktbu t-tweġiba fuq il-*board* ċkejken personali tagħhom. Din tkun tweġiba ta' kelma waħda jew frażi qasira. Eżempju: 'Il-librerija' jew 'l-uffiċċju tal-Kap tal-Iskola'. It-tfal kollha jgħollu l-*board* bit-tweġiba fuqu.
Din il-parti tal-eżerċizzju tkun qed tintroduċi lit-tfal mal-mod kif jingħataw direzzjonijiet. Eżempju:

- Oħroġ mill-klassi.
- Dur fuq il-lemin u imxi tul il-kurutur.
- Dur fuq ix-xellug.
- Idħol mill-bieb li hemm mal-faċċata.

Fejn tkun wasalt?

Huwa meħtieġ li t-tfal jidraw sewwa fejn hu l-lemin u fejn hu x-xellug.
Ifred lit-tfal fi gruppi biex huma jitħarrġu jagħtu direzzjonijiet lil xulxin. Il-punt tat-tluq mhux dejjem ikun l-istess post. Tista' tagħti direzzjonijiet kif mill-bieb tal-iskola tasal sal-librerija. Kemm jista' jkun poġġi s-sitwazzjoni f'kuntest. Eżempju: Ommok ġejja tkellem lill-kap tal-iskola. Agħtiha direzzjonijiet kif mill-bieb ta' barra tasal sal-uffiċċju tal-Kap tal-Iskola.
Tista' wkoll tagħti direzzjonijiet f'ambjenti oħra li magħhom it-tfal huma midħla. Eżempju: Id-dar. Direzzjoni, ngħidu aħna, kif mill-kamra tiegħek tmur fil-kċina.

## 19 Nikkritikaw diskors

Għal dan l-eżerċizzju jkollok bżonn *tape recorder*. Semma' diskors irrekordjat lit-tfal. Id-diskors jista' jkun intervista. Daħħal nuqqasijiet apposta. Eżempju: xi ħadd jitkellem jgħaġġel ħafna, jew xi ħadd li dejjem iwieġeb 'iva' jew 'le'. It-tfal tal-klassi jinfirdu fi gruppi u jikkritikaw id-diskors jew l-intervista. Jistgħu jikkritikaw il-kontenut li

jintqal imma wkoll l-aspett tal-ħiliet li wieħed irid ikollu meta jitkellem.

## 20 Staqsini Għoxrin

Il-logħba 'Staqsini Għoxrin' tista' tkun ukoll interessanti ħafna. Agħmilha sempliċi billi l-oġġett li jrid jinqata' jkun dejjem persuna umana. Il-logħba tibda billi tingħata l-informazzjoni li "l-oġġett huwa persuna umana". Is-suġġett tkun tafu l-għalliema biss. Fil-bidu agħżel nies partikolari u magħrufa sew. Eżempju: San Ġorġ Preca. Ifred it-tfal fi gruppi u kull grupp jistaqsi mistoqsija. Eżempju:

- Il-persuna hija raġel jew mara?
- Il-persuna ħajja jew mejta?
- Il-persuna Maltija jew barranija?
- Il-persuna magħrufa ħafna?
- Għandha x'taqsam mal-politika?
- Għandha x'taqsam mar-reliġjon?

Jekk tara li t-tfal se jeħlu tista' tagħti xi biċċa informazzjoni bħala għajnuna. Fil-każ ta' San Ġorġ, ngħidu aħna, tista' tgħidilhom li "dan ir-raġel kien qassis".

## 21 Nagħtu tagħrif

Numru żgħir ta' studenti (tlieta jew erbgħa) joħorġu barra mill-klassi sakemm it-tfal l-oħra jagħżlu suġġett. Eżempji: 'Fdalijiet arkeoloġiċi', 'Avukati', jew 'It-tigri tal-Indja'. It-tfal tal-klassi jinfirdu fi gruppi. Jidħlu t-tfal li se jippruvaw jaqtgħu s-suġġett. Il-gruppi differenti jibdew jagħtu informazzjoni bażika biex jgħinu lill-grupp żgħir ta' studenti jaqtgħu l-oġġett. Imma l-informazzjoni qatt ma għandha tkun diretta b'mod li l-oġġett jinqata' mill-ewwel. Dawk li qed jaqtgħu s-suġġett jistgħu wkoll jistaqsu xi mistoqsija biex jiċċaraw xi diffikultà partikolari. Jistgħu jintgħażlu suġġetti li jkunu ssemmew f'xi lezzjonijiet. Dan jgħin ħalli t-tfal kollha jkollhom ċerta informazzjoni komuni.
Eżempju ta' suġġett: 'Fdalijiet arkeoloġiċi'.

- Dawn insibuhom kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.
- Il-Gvernijiet jonfqu l-flus biex iżommuhom fi stat tajjeb.
- In-nies iħobbu jżuruhom.
- Huma postijiet antiki.

- Ħafna drabi trid tħallas biex tidħol tarahom.

Logħba bħal din ma tiħux ħafna ħin u l-esperjenza turi li t-tfal jieħdu pjaċir jilagħbuha.
Jekk l-għalliema tinduna li se jkun diffiċli li t-tfal jaqtgħu x'inhu s-suġġett, tista' tagħti xi biċċa informazzjoni aktar diretta. Eżempju għall-każ ta' fuq ikun: "Dawn il-postijiet iżuruhom ħafna turisti". Wieħed jista' jagħti wkoll l-informazzjoni li l-frażi għandha żewġ kelmiet.

## 22 X'nafu fuq

Flimkien mat-tfal agħżel suġġett interessanti: eżempju xi programm popolari li jaraw it-tfal fuq it-televixin jew xi suġġett ta' tagħrif ġenerali. Agħti ftit ċans lit-tfal jaħsbu fuqu (forsi anke tifridhom fi gruppi), imbagħad jaqsmu ma' sħabhom it-tagħrif li huma jafu. L-informazzjoni titniżżel fil-qosor fuq il-*white board* li fuqu tifforma bħal *Mind Web*.

## 23 Dibattitu

Id-dibattitu jista' jkun eżerċizzju ieħor. Agħżel suġġett ftit kontroversjali li jinteressa lit-tfal. Eżempju: 'It-televixin qed jagħmel aktar ħsara milli ġid'. Grupp ta' tfal (tnejn jew tlieta) ikunu favur is-suġġett u grupp ieħor ikunu kontra. Fisser lit-tfal li għalkemm ikunu qed jitkellmu kontra, huma, fil-verità, mhux bilfors ikunu kontra. L-idea hi li jridu jġibu **argumenti** skont humiex favur jew kontra. Ikun hemm xi ħadd qiegħed imexxi. Jibdew jitkellmu dawk favur is-suġġett, iwieġbu dawk kontra. Nibqgħu sejrin hekk sakemm jitkellem kulħadd. Fl-aħħar jistaqsu jew jagħmlu kummenti l-kumplament tat-tfal tal-klassi. Tista' wkoll issir votazzjoni fil-klassi dwar liema grupp kien **l-aktar konvinċenti fl-argumenti tiegħu.** Ngħallmu lit-tfal kemm hu meħtieġ ikunu ġusti u ma jivvutawx bil-grazzja.

## 24 Kwiżż

It-tfal iħobbu l-kwiżż. Jintgħażel suġġett li għandu x'jaqsam ma' xi qasam tal-kurrikulu. Aqsam il-klassi f'żewġ gruppi. Grupp minnhom jipprepara mistoqsijiet fuq is-suġġett. Il-grupp l-ieħor irid jirrispondi. Jingħataw marki skont kemm hi tajba t-tweġiba. Irid ikun hemm *Quiz*

*Master* li fil-bidu żgur li għandu jkun l-għalliem li ħafna drabi jrid jieħu deċiżjoni dwar kemm hi eżatta t-tweġiba u għalhekk kemm għandhom jingħataw marki. Meta l-ewwel parti tal-kwiżż tkun lesta, il-gruppi jaqilbu r-rwol tagħhom. Dak li kien qed iwieġeb issa jkun imissu jistaqsi fuq suġġett ieħor li jkun intgħażel. Fl-aħħar naraw liema grupp ġab l-aktar punti. Ftit kompetizzjoni ma tagħmilx ħażin, imma l-ispirtu ġenerali għandu jkun wieħed ta' koperazzjoni u mhux ta' kompetizzjoni. Fil-klassi rridu noħolqu spirtu ta' komunità ta' tagħlim.

## 25 Stazzjon tar-radju

Oħloq fil-klassi atmosfera ta' stazzjon tar-radju. Il-programm huwa wieħed mużikali li matulu jindaqqu siltiet ta' kanzunetti popolari. Ikun hemm il-*phone inns* b'dedikazzjonijiet. Biex idoqq is-siltiet tal-kanzunetti wieħed jista' juża *tape recorder*. It-tfal jagħmlu d-dedikazzjonijiet permezz tat-telefown. Kompli żewwaq il-programm billi t-tfal jagħmlu xi riklami jew avviżi oħra ta' interess.

## 26 Nagħżel stampa

Stieden lill-istudenti jġibu xi żewġ stampi li jsibu, ngħidu aħna fir-rivisti. Kieku jkunu stampi ta' daqs A4 tant aħjar ħalli jidhru minn ċerta distanza. Ifrex l-istampi fuq imwejjed, imbagħad numru ta' studenti jkollhom iċ-ċans jagħżlu stampa kull wieħed u jitkellmu fuqha fil-klassi. Kull student ikun mistenni jgħid għaliex għażel dik l-istampa partikolari. Forsi fiha xi ħaġa li laqtitu jew li fakkritu f'xi ħaġa.
Aktar ma jkollok stampi aktar aħjar ħalli l-istudenti jkollhom minn fejn jagħżlu. F'kull sezzjoni agħti ċans, ngħidu aħna, lil ħamest itfal jitkellmu fuq l-istampi li jkunu laqtuhom. Tista' wkoll tagħti ċans lill-istudenti tal-klassi jistaqsu mistoqsijiet dwar l-istampi lil sħabhom.

## Konklużjoni

(1) Agħmel enfasi fuq l-eżerċizzju bħala logħba.
(2) Aħjar ftit u spiss milli ħafna f'ħin wieħed.
(3) Ieqaf mil-logħba meta jkun għad hemm l-interess.

(4) Dawwar u biddel il-mod kif tintlagħab il-logħba skont l-istudenti li għandek. Imma meta tistabilixxi r-regoli ara li jinżammu.
(5) Irrepeti l-logħba xi darbtejn jew tlieta wara xulxin ħalli t-tfal jidrawha.

---